**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 152/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Melvin Montesin**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Melvin Montesin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 62690M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Frar 2021 għall-ħabta ta' 22:30hrs fi Triq il-Mini ta' Ħal-Kirkop, Kirkop, waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura ABR331:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluz;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan;
4. Uza, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minhħajr polza ta assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terza persuni;
5. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza mingħajr ma kellha liċenza maħruġa mill-Awtorita għat-Trasport f' Malta u naqas li jġeddidha kull sena;
6. Naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur;
7. Qal kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti oxxeni jew ġesti indiċenti jew b'manjieri oħra fil-pubbliku;

8. Bħala persuna inġurja, hedded jew għamel offiza fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmlu jew minħabba li qed jagħmlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbezza jew jinfluwixxi kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;
9. Bħala persuna sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistratu datata 6/11/2018 mill-Mgt. Dr F. Depasquale LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti iddikjarat preskritti l-imputazzjonijiet numru 6 u 7, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni 5, u wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia l-Kap. 65 Art. 15(1)(a), il-Kap. 104 Art. 3(1), il-Kap. 9 Art. 95 u Art. 49 u 50, sabitu ħati tal-imputazzjonjiet numru 2 (i.e. sewqan b'mod perikoluż kompriża fiha l-imputazzjoni numru wieħed), 3 (fuq ammissjoni), 4 (fuq ammissjoni), 8 u 9 (fuq ammissjoni, f'liema rigward għazlet li ma tapplikax zieda bi grad tal-piena applikabbli) u kkundanatu iħallas multa ta' erbat elef Ewro. B'zieda mal-piena, il-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' sittax -il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tħassarha u tirrevokaha fejn il-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza u minnha tilliberah skond il-Liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 14 ta' Ġunju 2023.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku, liema aggravju jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom instabet il-ħtija.

Illi, huwa *ormai* prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha ezebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

Illi l-Qorti tibda' billi tosserva li mill-verbal tas-seduta datata 28 ta' Frar 2023, jirriżulta li l-appellant, legalment assistit, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet bin-numri 3, 4, 5 u 9 miġjuba kontrih. Jirriżulta ukoll li huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-Ewwel Qorti tatu ċans jerġa' lura minnha. Finalment minn qari tas-sentenza appellata jemerġi illi l-appellant kien illiberat mill-ħames imputazzjoni, għalkemm irreġistra ammissjoni għall-istess, għar-raġunijiet miġjuba fl-imsemmija sentenza.

Illi minn qari tar-rikors tal-appell ma jidhirx illi l-appellant qanqal xi aggravju dwar il-validita' u/jew il-legalita' ta' dina l-ammissjoni u għalhekk l-Qorti ser tqis li l-ammissjoni magħmula mill-appellant kienet waħda volontarja u legalment valida.

Issa kif igħid il-Blackstone:

> ***"The fact that a plea of guilty has been entered does not preclude an appeal against the resulting conviction. If the conviction is found to be unsafe despite the plea of guilty it will be quashed. However, the fact that an appellant was fit to plea, had received expert advice, had been aware of what he was doing***

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*and had intended to plead guilty would be highly relevant to the consideration of the safety of the conviction.*[2]"

Illi fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ppresjeduta fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri*** tal-20 ta' Jannar 1995 jingħad:

> **"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti". Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Rainer Grima tat-12 ta' Mejju 2004 u aktar recenti fis-sentenza Il-Pulizija vs Andre Falzon App Krim 19.11.2015 u Il-Pulizija vs Tamer Mohammed Hussein Rozik App Krim 4.2.2016;**

Illi allura huwa possibbli għal persuna misjuba ħatja wara ammissjoni illi jirtira dik l-ammissjoni fi stadju ta' reviżjoni fi tlett ċirkostanzi u ċioe' jekk:

1. l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew;
2. jekk ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew;
3. fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, cioe' ssibu ħati ta' reat.

[2] Criminal Practice Page 2037 D26.9

Illi minn qari tar-rikors tal-appell ma jidhirx illi l-appellant qiegħed jitlob illi jirtira l-ammissjoni tiegħu, kif ingħad. Ma jidhirx illi huwa ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet lilu addebitati meta kien assistit tul il-proċeduri minn avukat. Lanqas ma jidher illi ma kenitx l-intenzjoni li jammetti. Kif ma jirriżultax ukoll illi kien hemm xi impediment legali li kien iżżomm lill-qorti issib ħtija fl-appellant għar-reati lilu addebitati u minnu ammessi, għajr għal dak minnHa deċiż fir-rigward tal-ħames imputazzjoni.

Għaldaqstant, l-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju marbut ma' apprezzament tal-provi fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numri 3, 4 u 9 u dan fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant, ammissjoni li saret skont il-liġi u għalhekk hija legalment valida u ma tistax tiġi imwarrba.

Illi, dan iwassal li l-unika imputazzjonijiet fejn is-sejbien ta' ħtija hija kkontestata tirrigwarda ir-reati tas-sewqan perikoluż, li fiha hemm kompriz u involut ir-reat tas-sewqan traskurat, u r-reat ravviżat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Fir-rigward tar-reat tas-sewqan perikoluż kif ravviżat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ikun stabbilit jekk tissussistix din il-vjolazzjoni tal-liġi jenħtieġ li jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza *o meno* ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Illi, naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar mill-forom ta' sewqan vjolattivi tad-dritt, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja marbuta mal-konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. *In oltre*, ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz.[3]

Illi, ukoll, fl-istess sentenza "*Il-Pulizija vs Alfred Mifsud*", iċċitata mill-Ewwel Qorti, ġie definit bl-aktar mod sempliċi u ezawrenti l-import tat-terminu '*sewqan traskurat*' komunement magħruf bl-Ingliz bħala '*negligent driving*'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta għall-kwalsiasi forma ta' sewqan 'li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-

[3] Vide "Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950.

livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat'. L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[4], ukoll jagħti definizzjoni ta' sewqan traskurat:–

> **"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."**

Illi, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tanya Sacco"[5], il-Qorti qalet li anke jekk persuna għandha d-dritta xorta waħda għandha zzomm *a proper look out* għal kull inċident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat. *In oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Renald Vella"[6] ingħad li "**Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.**"

Illi, l-appellant jisħaq li ma tressqu ebda xhieda li juru li hu kien qed isuq b'mod traskurat u perikoluż. Jisħaq ukoll li huwa ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija meta kien imwaqqaf u li kienu dawn tal-aħħar li kienu mxew b'mod ċensurabbli fil-konfront tiegħu.

Illi, mill-provi prodotti, senjatament mill-*affidavits* tal-Pulizija involuti f'dan is-sinistru, jirrizulta li nhar it-28 ta' Frar 2021 fil-ħin ta' filgħaxija, kienu qed isiru diversi *roadcheck*s ġewwa Triq il-Mini, Ħal Kirkop. Jirriżulta li l-Pulizija waqqfu lill-appellant, li kien qed isuq vettura tal-għamla Toyota Corsa, kulur ħadrani, bin-numru ta' reġistrazzjoni ABR-331, u dana peress li kellu l-liċenzja tat-triq skaduta. PC 1113 stqarr fl-*affidavit* tiegħu li x'ħin ra li l-appellant kellu l-liċenzja tat-triq skaduta, ordnalu li jitfa' l-vettura mal-ġenb. Huwa jgħid li f'dak il-mument, l-appellant "**...prova jsuq bl-intenzjoni li jitlaq minn fuq il-post fejn jien zolt niġri minn quddiem il-vettura**".

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2014.

Ħabbatlu mal-ħġieġa ta' wara tan-naħa tal-lemin tal-vettura, u f'dan il-mument il-vettura waqfet, l-appellant niżżel it-tieqa u beda igħajjat u igħid kliem oxxen fil-konfront tal-uffiċjal. Dan jikkonfermah ukoll PC 695 Brian Seychell li qal li hu, flimkien ma' PC 1113 "**għamilnilha sinjal biex tat-Toyota jieqaf u jitfa' mal-ġenb tat-triq u minflok waqaf kien se jibqa' sejjer fejn b'konsegwenza li kieku PC 1113 ma resaqx kien jolqtu**". Sakemm stennew it-trukk biex l-vettura tal-appellant tiġi rmunkata, l-appellant beda jhedded lil dawn l-uffiċjali tal-pulizija u jkun aggressiv verbalment fil-konfront tagħhom.

Illi, l-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, jfassal il-proċedura a rigward *affidavits* pprezentati fi proċeduri sommarji bħal dawk odjerni –

*(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:*
*Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558*
*Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.*

*(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.*

Illi, mill-Atti Proċesswali jirriżulta li l-appellant qatt ma talab sabiex l-uffiċjali tal-Pulizija, li l-*affidavits* tagħhom huma ezebiti in atti, jinġiebu biex jixhdu in kontro-eżami sabiex jiġu mistoqsija dwar il-kontenut tal-istess *affidavits* magħmula minnhom. Jikkonsegwi illi ġialadarba dan ma sarx, fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat, l-*affidavits* ippreżentati mill-istess uffiċjali tal-Pulizija huma kkunsidrati ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tagħhom f'dawn il-proċeduri bl-istess mod li kieku huma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre*, dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li tista' twassalha tiddubita mill-veraċita'u attendibbilita' tal-kontenut ta' dawn l-istess *affidavits*.

Illi, għalhekk huwa inkontestat li l-appellant kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni. Huwa inkontestat ukoll li huwa kien qed isuq il-vettura msemmija fil-ħin li seħħ l-inċident in kwistjoni, tant li huwa anke ammetta għall-imputazzjonijiet l-oħra relatati. Mill-provi prodotti, irriżulta ukoll li l-appellant saq b'mod perikoluż u traskurat minn fuq il-post meta kien imwaqqaf mill-Pulizija u pprova jaħrab bil-vettura tant illi li kieku ma' kenitx għall-azzjoni mmedjata tal-istess Pulizija, l-appellant kien jispiċċa jtajjar lil xi ħadd minnhom u dan il-każ kien jieħu zvolta ferm aktar serja.

L-appellant iżda igħid illi huwa ipprova jsuq minn fuq il-post meta l-uffiċjal tal-pulizija ta daqqa fuq il-ħġieġa tan-naħa ta' wara tal-vettura u dan meta ma kienx hemm il-ħtieġa għal dan stante illi huwa kellu kull intenzjoni jobdi l-ordni li kienet qed tkun lilu mogħtija meta għamlulu sinjal biex iwaqqaf mal-ġenb. Jikkontendi illi huwa sewwieq tal-ambulanzi u għalhekk is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu ser tkun ta' preġudizzju għalih u tolqot l-ghejxien tiegħu.

Illi l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1)filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2)jew inkella minħabba li jkun għamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi allura immaterjalment mill-fatt illi l-appellant ħassu urtat għaliex l-uffiċjal tal-pulizija ta daqqa fuq il-ħġieġa tal-vettura tiegħu, meta dan dehrlu illi kellu jsuq minn fuq il-post

bħala ritaljazzjoni mingħajr ma ħa kont illi fil-proċess is-sewqan tiegħu wassal għal theddida għall-inkolumita' ta' uffiċjal tal-pulizija li kien qadi dmirijietu, oltre għal kliem oxxen u ta' theddid magħdud minnunfil-konfront tal-uffiċjal preżenti, iwassal sabiex l-ingredjenti kollha tar-reat huma sodisfatti.

Għaldaqstant, l-Qorti hija tal-fehma li, abbazi tal-provi prodotti quddiemha, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet dedotti kontrih u għalhekk l- aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**